Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,485, 11 ta' Awwissu, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXX tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda Diversi liġijiet dwar it-Taxxa.

ACT No. XXX of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend Various Revenue Laws.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

11 ta' Awwissu, 2025

ATT Nru XXX tal-2025

ATT sabiex jemenda diversi Liġijiet dwar it-Taxxa.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda Diversi Liġijiet dwar it-Taxxa. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-KODIĊI KRIMINALI

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Kodiċi". Emendi għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

3. Minnufih wara l-artikolu 187 tal-Kodiċi għandhom jiġu Żieda ta' artikoli ġodda fil-Kodiċi.

miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ksur frodulenti ta' ftehim partikolari ma' dipartiment tal-Gvern.

187A. Kull min jikser b'mod frodulenti ftehim ma' dipartiment tal-Gvern li jirreferi għal dan l-artikolu u magħmul skont liġi speċifika li tipprovdi għall-estinzjoni jew il-posponiment ta' kwalunkwe azzjoni kriminali minbarra li jipprovdi għall-ħlas imdewwem ta' kwalunkwe somma dovuta jew għal kwalunkwe konċessjoni, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor għandu jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien li ma jeċċedix erba' (4) snin, jew multa li ma teċċedix iż-żewġ miljuni u ħames mitt elf euro (€2,500,000), jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

Ksur tal-kundizzjonijiet ta' ftehim partikolari ma' dipartiment tal-Gvern mingħajr raġuni ġusta.

187B. Kull min wara li jidħol fi ftehim ma' dipartiment tal-Gvern li jirreferi għal dan l-artikolu u magħmul skont liġi speċifika li tipprovdi għall-estinzjoni jew il-posponiment ta' kwalunkwe azzjoni kriminali minbarra li tipprovdi għall-ħlas imdewwem ta' kwalunkwe somma ta' flus dovuta jew għal kwalunkwe konċessjoni, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor, jikser mingħajr raġuni valida l-kondizzjonijiet tal-ftehim għandu jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien li ma jeċċedix sentejn (2), jew multa li ma teċċedix ħames mitt elf euro (€500,000), jew għal dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

Istituzzjoni ta' azzjoni skont l-artikoli 187A u 187B u konsegwenza ta' ħtija.

187Ċ. Il-proċeduri taħt l-artikoli 187A u 187B jistgħu jiġu biss istitwiti fuq kwerela tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u fuq sejbien ta' ħtija għal xi reat provdut fl-artikolu 187A, kwalunkwe vantaġġ jew benefiċċju materjali miksub mill-akkużat permezz tal-ftehim għandu jitqies li jikkostitwixxi rikavat mill-kriminalità.".

TAQSIMA II
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI

Emendi għall-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali.

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 127 tal-Att prinċipali għandu jiġi

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Mekkaniżmu speċjali għal ftehim barra mill-Qorti.

127A. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, mal-konklużjoni ta' ftehim magħmul skont dan l-artikolu bejn id-Direttur u kwalunkwe persuna obbligata li tagħmel xi ħlas taħt dan l-Att, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "id-debitur", li jipprovdi għall-ħlas ta' penali addizzjonali b'żieda ma' kwalunkwe penali oħra xort'oħra provduta f'dan l-Att, ir-responsabbiltà kriminali kollha tad-debitur għal kwalunkwe ksur kontra dan l-Att u għal kwalunkwe ksur konness mal-atti b'rabta mal-ftehim li jkun sar, għandha tiġi estinta:

Iżda l-penali addizzjonali li tali persuna għandha tkun obbligata li tħallas fir-rigward ta' tali ksur għandha tammonta għal minimu ta' għaxart elef euro (€10,000) u massimu ta' miljun euro (€1,000,000), u għandha tiġi imposta skont Skeda li għandha tiġi preskritta mill-Ministru taħt dan l-Att u dan b'żieda ma' kwalunkwe ammont ieħor provdut f'dan l-Att għan-nuqqas tad-debitur u kkwantifikat skont il-ftehim finali:

Iżda wkoll il-ftehim li titħallas kwalunkwe multa jew li jsir xi ħlas ieħor taħt xi ftehim kif provdut f'dan l-artikolu ma għandux iwassal għall-estinzjoni ta' kwalunkwe responsabbiltà ċivili sabiex isir xi ħlas ieħor mhux kopert mill-ftehim li jkun sar skont dan l-artikolu.

(2) (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fejn id-Direttur, li jaġixxi fuq talba bil-miktub tad-debitur u n-notifika ta' aġġustament ta' dikjarazzjonijiet preċedenti mogħtija mid-debitur, jaċċetta li l-aġġustamenti jkunu saru b'mod korrett u għandu jagħti avviż bil-miktub lid-debitur tal-abbozz tal-ftehim skont dan l-artikolu li għandu jiġi ffirmat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tat-talba tad-debitur:

Iżda l-imsemmi perjodu ta' sitt (6) xhur jista' jiġi estiż mid-Direttur jekk huwa jkun sodisfatt li jkun meħtieġ perjodu itwal sabiex tiġi determinata l-portata tar-rikavat tal-ksur.

(b) L-abbozz ta' ftehim għandu jinkludi dan li ġej:

(i) dettalji tal-ksur li jistgħu jinkludu ammissjonijiet li jkunu saru mid-debitur;

(ii) obbligu fuq id-debitur li jħallas u kwantifikazzjoni ta' penali addizzjonali u kwalunkwe pagament ieħor dovut skont dan l-Att għan-nuqqas;

(iii) il-perjodu permess għall-ħlas tal-ammonti dovuti skont il-ftehim;

(iv) il-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' xi termini tal-ftehim inklużi dawk provduti fl-artikoli 187A, 187B u 187Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(v) kwalunkwe pattijiet u kondizzjonijiet oħra imposti mid-Direttur:

Iżda meta abbozz ta' ftehim jiġi notifikat kif intqal qabel, ftehim skont dan is-subartikolu għandu jiġi ffirmat u mibgħut lura lid-Direttur fi żmien xahar (1), u jekk il-ftehim iffirmat ma jasalx għand id-Direttur fl-imsemmi terminu ta' żmien, li jista' jiġi estiż mid-Direttur fuq raġuni ġusta murija mid-debitur, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkollhom l-ebda effett:

Iżda wkoll l-ammont li jirriżulta minn dan il-ftehim għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont it-tifsira ta', u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness għandu jiġi sospiż matul iż-żminijiet stabbiliti fi, jew taħt is-subartikolu (2) u ma għandha tiġi istitwita l-ebda prosekuzzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness matul iż-żmien meta tali perjodi jkunu qegħdin jiddekorru:

Iżda l-ebda prosekuzzjoni ma għandha tiġi annullata għar-raġuni li tkun ġiet istitwita bi ksur ta' dan is-subartikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fuq talba tad-debitur fi kwalunkwe każ fejn id-debitur ikun ġie akkużat quddiem qorti fir-rigward tal-ksur u ksur konness, iżda qabel ma tkun ingħatat sentenza finali fil-każ.

(5) Fejn proċeduri jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u l-eżistenza ta' ftehim tinġieb għall-attenzjoni tal-Qorti, il-Qorti għandha, meta tkun sodisfatta li l-ksur imsemmi fl-akkuża jkun ksur li għalih japplika dan l-artikolu jew ksur konness, tassumi l-funzjoni ta' qorti ta' ġudikatura kriminali u tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta dwar tali akkużi. Il-qorti għandha bl-istess mod tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta jekk tkun qorti ta' ġudikatura kriminali fl-istadju tal-ewwel istanza jew fl-istadju tal-appell minkejja kull sentenza li tkun ingħatat preċedentement fil-proċediment u li ma tkunx saret finali.

(6) F'dan l-artikolu:

"dan l-Att" jinkludi kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu;

"Direttur" tfisser fir-rigward tal-artikoli 13, 14, 15, 117(2), 123 u 124 (1) u (2), u salv kif provdut xort'oħra, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;

"ftehim" tfisser u tinkludi dokument li jixhed ftehim milħuq bejn id-Direttur u d-debitur skont dan l-artikolu u tinkludi wkoll dokument jew dikjarazzjoni maħruġa mid-Direttur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li tikkonferma li d-debitur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu rregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mad-Direttur u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu ssodisfa r-rekwiżiti tiegħu billi aċċetta li jħallas il-penali addizzjonali;

"ksur" tinkludi kwalunkwe att jew atti li jikkostitwixxu reat kriminali;

"ksur konness" tfisser kwalunkwe att li jikkostitwixxi reat kriminali sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att u għandu jinkludi:

(i) ksur imwettaq, anke jekk fi żminijiet differenti, skont pjan miftiehem minn qabel sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att;

(ii) ksur imwettaq bil-għan li jinkisbu l-mezzi għat-twettiq ta' ksur kontra dan l-Att;

(iii) ksur imwettaq bil-għan li jiffaċilita t-twettiq jew it-tlestija ta' ksur kontra dan l-Att, jew li jiżgura impunità għal tali ksur;

(iv) ksur li f'kuntest wieħed jikser aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi fejn mill-inqas dispożizzjoni waħda tkun relatata ma' ksur kontra dan l-Att;

(v) ksur imwettaq permezz tal-użu apparentament leġittimu tar-rikavat ta' ksur kontra dan l-Att:

Iżda ksur konness ma għandux jinkludi kwalunkwe att inkluż fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.". Kap. 9.

TAQSIMA III
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI

Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti Kap. 364.

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

7. Minnufih wara l-artikolu 67 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Mekkaniżmu speċjali għal ftehim barra mill-Qorti.

68. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, mal-konklużjoni ta' ftehim magħmul skont dan l-artikolu bejn il-Kummissarju u kwalunkwe persuna obbligata li tagħmel xi ħlas taħt dan l-Att, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "id-debitur" jew "it-taxpayer", li jipprovdi għall-ħlas ta' penali addizzjonali b'żieda ma' kwalunkwe penali oħra xort'oħra provduta f'dan l-Att, ir-responsabbiltà kriminali kollha tad-debitur għal kwalunkwe ksur kontra dan l-Att u għal kwalunkwe ksur konness mal-atti b'rabta mal-ftehim li jkun sar, għandha tiġi estinta:

Iżda l-penali addizzjonali li tali persuna għandha tkun obbligata li tħallas fir-rigward ta' tali ksur għandha tammonta għal minimu ta' għaxart elef euro (€10,000) u massimu ta' miljun euro (€1,000,000), u għandha tiġi imposta skont Skeda li għandha tiġi preskritta mill-Ministru taħt dan l-Att u dan b'żieda ma' kwalunkwe ammont ieħor provdut f'dan l-Att għan-nuqqas tad-debitur u kkwantifikat skont il-ftehim finali:

Iżda wkoll il-ftehim li titħallas kwalunkwe multa jew li jsir xi ħlas ieħor taħt xi ftehim kif provdut f'dan l-artikolu ma għandux iwassal għall-estinzjoni ta' kwalunkwe responsabbiltà ċivili sabiex isir xi ħlas ieħor mhux kopert mill-ftehim li jkun sar skont dan l-artikolu.

(2) (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fejn il-Kummissarju, li jaġixxi fuq talba bil-miktub tat-taxpayer u n-notifika ta' aġġustament ta' dikjarazzjonijiet preċedenti mogħtija mit-taxpayer, jaċċetta li l-aġġustamenti jkunu saru b'mod korrett u għandu jagħti avviż bil-miktub lit-taxpayer tal-abbozz tal-ftehim skont dan l-artikolu li għandu jiġi ffirmat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tat-talba tat-taxpayer:

Iżda l-imsemmi perjodu ta' sitt (6) xhur jista' jiġi estiż mill-Kummissarju jekk huwa jkun sodisfatt li jkun meħtieġ perjodu itwal sabiex tiġi determinata l-portata tar-rikavat tal-ksur.

(b) L-abbozz ta' ftehim għandu jinkludi dan li ġej:

(i) dettalji tal-ksur li jistgħu jinkludu ammissjonijiet li jkunu saru mid-debitur;

(ii) obbligu fuq id-debitur li jħallas u kwantifikazzjoni ta' penali addizzjonali flimkien ma' kwalunkwe pagament ieħor dovut skont dan l-Att għan-nuqqas;

(iii) il-perjodu permess għall-ħlas tal-ammonti dovuti skont il-ftehim;

(iv) il-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas tal-osservanza ta' xi termini tal-ftehim inklużi dawk provduti fl-artikoli 187A, 187B u 187Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(v) kwalunkwe pattijiet u kondizzjonijiet oħra imposti mill-Kummissarju:

Iżda meta abbozz ta' ftehim jiġi notifikat kif intqal qabel, ftehim skont dan is-subartikolu għandu jiġi ffirmat u mibgħut lura lill-Kummissarju fi żmien xahar (1), u jekk il-ftehim iffirmat ma jasalx għand il-Kummissarju fl-imsemmi terminu ta' żmien, li jista' jiġi estiż mill-Kummissarju fuq raġuni ġusta murija mit-taxpayer, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkollhom l-ebda effett:

Iżda wkoll l-ammont li jirriżulta minn dan il-ftehim għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont it-tifsira ta', u għall-finijiet tat-Titolu VII tal-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness għandu jiġi sospiż matul iż-żminijiet stabbiliti fi, jew taħt is-subartikolu (2) u ma għandha tiġi istitwita l-ebda prosekuzzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness fiż-żmien meta tali perjodi jkunu qegħdin jiddekorru:

Iżda l-ebda prosekuzzjoni ma għandha tiġi annullata għar-raġuni li tkun ġiet istitwita bi ksur ta' dan is-subartikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fuq talba tad-debitur fi kwalunkwe każ fejn id-debitur ikun ġie akkużat quddiem qorti fir-rigward tal-ksur u ksur konness, iżda qabel ma tkun ingħatat sentenza finali fil-każ.

(5) Fejn proċeduri jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u l-eżistenza ta' ftehim tinġieb għall-attenzjoni tal-Qorti, il-Qorti għandha, meta tkun sodisfatta li l-ksur imsemmi fl-akkuża jkun ksur li għalih japplika dan l-artikolu jew ksur konness, tassumi l-funzjoni ta' qorti ta' ġudikatura kriminali u tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta dwar tali akkużi. Il-qorti għandha bl-istess mod tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta jekk tkun qorti ta' ġudikatura kriminali fl-istadju tal-ewwel istanza jew fl-istadju tal-appell minkejja kull sentenza li tkun ingħatat preċedentement fil-proċediment u li ma tkunx saret finali.

(6) F'dan l-artikolu:

"dan l-Att" jinkludi kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu;

"ftehim" tfisser u tinkludi dokument li jixhed ftehim milħuq bejn il-Kummissarju u d-debitur skont dan l-artikolu u tinkludi wkoll dokument jew dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li tikkonferma li d-debitur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu rregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mal-Kummissarju u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu ssodisfa r-rekwiżiti tiegħu billi aċċetta li jħallas il-penali addizzjonali;

"ksur" tinkludi kwalunkwe att jew atti li jikkostitwixxu reat kriminali;

"ksur konness" tfisser kwalunkwe att li jikkostitwixxi reat kriminali sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att u għandu jinkludi:

(i) ksur imwettaq, anke jekk fi żminijiet differenti, skont pjan miftiehem minn qabel sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att;

(ii) ksur imwettaq bil-għan li jinkisbu l-mezzi għat-twettiq ta' ksur kontra dan l-Att;

(iii) ksur imwettaq bil-għan li jiffaċilita t-twettiq jew it-tlestija ta' ksur kontra dan l-Att, jew li jiżgura impunità għal tali ksur;

(iv) ksur li f'kuntest wieħed jikser aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi fejn mill-inqas dispożizzjoni waħda tkun relatata ma' ksur kontra dan l-Att;

(v) ksur imwettaq permezz tal-użu apparentament leġittimu tar-rikavat ta' ksur kontra dan l-Att:

Iżda ksur konness ma għandux jinkludi kwalunkwe att inkluż fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.".

TAQSIMA IV
EMENDI GĦALL-ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA

Emendi tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

8. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Mekkaniżmu speċjali għal ftehim barra mill-Qorti.

52A. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, mal-konklużjoni ta' ftehim magħmul skont dan l-artikolu bejn il-Kummissarju u kwalunkwe persuna obbligata li tagħmel xi ħlas taħt dan l-Att, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "id-debitur" jew "it-taxpayer", li jipprovdi għall-ħlas ta' penali addizzjonali b'żieda ma' kwalunkwe penali oħra xort'oħra provduta f'dan l-Att, ir-responsabbiltà kriminali kollha tad-debitur għal kwalunkwe ksur kontra dan l-Att u għal kwalunkwe ksur konness mal-atti b'rabta mal-ftehim li jkun sar, għandha tiġi estinta:

Iżda l-penali addizzjonali li tali persuna għandha tkun obbligata li tħallas fir-rigward ta' tali ksur għandha tammonta għal minimu ta' għaxart elef euro (€10,000) u massimu ta' miljun euro (€1,000,000), u għandha tiġi imposta skont Skeda li għandha tiġi preskritta mill-Ministru taħt dan l-Att u dan b'żieda ma' kwalunkwe ammont ieħor provdut f'dan l-Att għan-nuqqas tad-debitur u kkwantifikat skont il-ftehim finali:

Iżda wkoll il-ftehim li titħallas kwalunkwe multa jew li jsir xi ħlas ieħor taħt xi ftehim kif provdut f'dan l-artikolu ma għandux iwassal għall-estinzjoni ta' kwalunkwe responsabbiltà ċivili sabiex isir xi ħlas ieħor mhux kopert mill-ftehim li jkun sar skont dan l-artikolu.

(2) (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fejn il-Kummissarju, li jaġixxi fuq talba bil-miktub tat-taxpayer u n-notifika ta' aġġustament ta' dikjarazzjonijiet preċedenti mogħtija mit-taxpayer, jaċċetta li l-aġġustamenti jkunu saru b'mod korrett u għandu jagħti avviż bil-miktub lit-taxpayer tal-abbozz tal-ftehim skont dan l-artikolu li għandu jiġi ffirmat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tat-talba tat-taxpayer:

Iżda l-imsemmi perjodu ta' sitt (6) xhur jista' jiġi estiż mill-Kummissarju jekk huwa jkun sodisfatt li jkun meħtieġ perjodu itwal sabiex tiġi determinata l-portata tar-rikavat tal-ksur.

(b) L-abbozz tal-ftehim għandu jinkludi dan li ġej:

(i) dettalji tal-ksur li jistgħu jinkludu ammissjonijiet li jkunu saru mid-debitur;

(ii) obbligu fuq id-debitur li jħallas u kwantifikazzjoni ta' penali addizzjonali u kwalunkwe pagament ieħor dovut skont dan l-Att għan-nuqqas;

(iii) il-perjodu permess għall-ħlas tal-ammonti dovuti skont il-ftehim;

(iv) il-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas ta' tħaris ta' xi termini tal-ftehim inklużi dawk provduti fl-artikoli 187A, 187B u 187Ċ tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(v) kwalunkwe pattijiet u kondizzjonijiet oħra imposti mill-Kummissarju:

Iżda meta abbozz ta' ftehim jiġi notifikat kif intqal qabel, ftehim skont dan is-subartikolu għandu jiġi ffirmat u mibgħut lura lill-Kummissarju fi żmien xahar (1), u jekk il-ftehim iffirmat ma jasalx għand il-Kummissarju fl-imsemmi limitu ta' żmien, li jista' jiġi estiż mill-Kummissarju fuq raġuni ġusta murija mit-taxpayer, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkollhom l-ebda effett:

Kap. 12.

Iżda wkoll l-ammont li jirriżulta minn dan il-ftehim għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont it-tifsira ta', u għall-finijiet tat-Titolu VII tal-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness għandu jiġi sospiż matul iż-żminijiet stabbiliti fi, jew taħt is-subartikolu (2) u ma għandha tiġi istitwita l-ebda prosekuzzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness fiż-żmien meta tali perjodi jkunu qegħdin jiddekorru:

Iżda l-ebda prosekuzzjoni ma għandha tiġi annullata għar-raġuni li tkun ġiet istitwita bi ksur ta' dan is-subartikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fuq talba tad-debitur fi kwalunkwe każ fejn id-debitur ikun ġie akkużat quddiem qorti fir-rigward tal-ksur u ksur konness, iżda qabel ma tkun ingħatat sentenza finali fil-każ.

(5) Fejn proċeduri jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u l-eżistenza ta' ftehim tinġieb għall-attenzjoni tal-Qorti, il-Qorti għandha, meta tkun sodisfatta li l-ksur imsemmi fl-akkuża jkun ksur li għalih japplika dan l-artikolu jew ksur konness, tassumi l-funzjoni ta' qorti ta' ġudikatura kriminali u tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta dwar tali akkużi. Il-qorti għandha bl-istess mod tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta jekk tkun qorti ta' ġudikatura kriminali fl-istadju tal-ewwel istanza jew fl-istadju tal-appell minkejja kull sentenza li tkun ingħatat preċedentement fil-proċediment u li ma tkunx saret finali.

(6) F'dan l-artikolu:

"dan l-Att" jinkludi kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu;

"ftehim" tfisser u tinkludi dokument li jixhed ftehim milħuq bejn il-Kummissarju u d-debitur skont dan l-artikolu u tinkludi wkoll dokument jew dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li tikkonferma li d-debitur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu rregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mal-Kummissarju u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu ssodisfa r-rekwiżiti tiegħu billi aċċetta li jħallas il-penali addizzjonali;

"ksur" tinkludi kwalunkwe att jew atti li jikkostitwixxu reat kriminali;

"ksur konness" tfisser kwalunkwe att li jikkostitwixxi reat kriminali sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att u għandu jinkludi:

(i) ksur imwettaq, anke jekk fi żminijiet differenti, skont pjan miftiehem minn qabel sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att;

(ii) ksur imwettaq bil-għan li jinkisbu l-mezzi għat-twettiq ta' ksur kontra dan l-Att;

(iii) ksur imwettaq bil-għan li jiffaċilita t-twettiq jew it-tlestija ta' ksur kontra dan l-Att, jew li jiżgura impunità għal tali ksur;

(iv) ksur li f'kuntest wieħed jikser aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi fejn mill-inqas dispożizzjoni waħda tkun relatata ma' ksur kontra dan l-Att;

(v) ksur imwettaq permezz tal-użu apparentament leġittimu tar-rikavat ta' ksur kontra dan l-Att:

Iżda ksur konness ma għandux jinkludi kwalunkwe att inkluż fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.".

TAQSIMA V
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

Emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap. 406.

10. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

11. Minnufih wara l-artikolu 84 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Mekkaniżmu speċjali għal ftehim barra mill-Qorti.

84A. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, mal-konklużjoni ta' ftehim magħmul skont dan l-artikolu bejn il-Kummissarju u kwalunkwe persuna obbligata li tagħmel xi ħlas taħt dan l-Att, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "id-debitur" jew "it-taxpayer", li jipprovdi għall-ħlas ta' penali addizzjonali b'żieda ma' kwalunkwe penali oħra xort'oħra provduta f'dan l-Att, ir-responsabbiltà kriminali kollha tad-debitur għal kwalunkwe ksur kontra dan l-Att u għal kwalunkwe ksur konness mal-atti b'rabta mal-ftehim li jkun sar, għandha tiġi estinta:

Iżda l-penali addizzjonali li tali persuna għandha tkun obbligata li tħallas fir-rigward ta' tali ksur għandha tammonta għal minimu ta' għaxart elef euro (€10,000) u massimu ta' miljun euro (€1,000,000), u għandha tiġi imposta skont Skeda li għandha tiġi preskritta mill-Ministru taħt dan l-Att u dan b'żieda ma' kwalunkwe ammont ieħor provdut f'dan l-Att għan-nuqqas tad-debitur u kkwantifikat skont il-ftehim finali:

Iżda wkoll il-ftehim li titħallas kwalunkwe multa jew li jsir xi ħlas ieħor taħt xi ftehim kif provdut f'dan l-artikolu ma għandux iwassal għall-estinzjoni ta' kwalunkwe responsabbiltà ċivili sabiex isir xi ħlas ieħor mhux kopert mill-ftehim li jkun sar skont dan l-artikolu.

(2) (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fejn il-Kummissarju, li jaġixxi fuq talba bil-miktub tat-taxpayer u n-notifika ta' aġġustament ta' dikjarazzjonijiet preċedenti mogħtija mit-taxpayer, jaċċetta li l-aġġustamenti jkunu saru b'mod korrett u għandu jagħti avviż bil-miktub lit-taxpayer tal-abbozz tal-ftehim skont dan l-artikolu li għandu jiġi ffirmat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tat-talba tat-taxpayer:

Iżda l-imsemmi perjodu ta' sitt (6) xhur jista' jiġi estiż mill-Kummissarju jekk huwa jkun sodisfatt li jkun meħtieġ perjodu itwal sabiex tiġi determinata l-portata tar-rikavat tal-ksur.

(b) L-abbozz ta' ftehim għandu jinkludi dan li ġej:

(i) dettalji tal-ksur li jistgħu jinkludu ammissjonijiet li jkunu saru mid-debitur;

(ii) obbligu fuq id-debitur li jħallas u kwantifikazzjoni ta' penali addizzjonali u kwalunkwe pagament ieħor dovut skont dan l-Att għan-nuqqas;

(iii) il-perjodu permess għall-ħlas tal-ammonti dovuti skont il-ftehim;

(iv) il-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas ta' tħaris ta' xi termini tal-ftehim inklużi dawk provduti fl-artikoli 187A, 187B u 187Ċ tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

(v) kwalunkwe pattijiet u kondizzjonijiet oħra imposti mill-Kummissarju:

Iżda meta abbozz ta' ftehim jiġi notifikat kif intqal qabel, ftehim skont dan is-subartikolu għandu jiġi ffirmat u mibgħut lura lill-Kummissarju fi żmien xahar (1), u jekk il-ftehim iffirmat ma jasalx għand il-Kummissarju fl-imsemmi limitu ta' żmien, li jista' jiġi estiż mill-Kummissarju fuq raġuni ġusta murija mit-taxpayer, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jkollhom l-ebda effett:

Iżda wkoll l-ammont li jirriżulta minn dan il-ftehim għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont it-tifsira ta', u għall-finijiet tat-Titolu VII tal-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap.12.

(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness għandu jiġi sospiż matul iż-żminijiet stabbiliti fi, jew taħt is-subartikolu (2) u ma għandha tiġi istitwita l-ebda prosekuzzjoni fir-rigward tal-ksur u ksur konness fiż-żmien meta tali perjodi jkunu qegħdin jiddekorru:

Iżda l-ebda prosekuzzjoni ma għandha tiġi annullata għar-raġuni li tkun ġiet istitwita bi ksur ta' dan is-subartikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fuq talba tad-debitur fi kwalunkwe każ fejn id-debitur ikun ġie akkużat quddiem qorti fir-rigward tal-ksur u ksur konness, iżda qabel ma tkun ingħatat sentenza finali fil-każ.

(5) Fejn proċeduri jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u l-eżistenza ta' ftehim tinġieb għall-attenzjoni tal-Qorti, il-Qorti għandha, meta tkun sodisfatta li l-ksur imsemmi fl-akkuża jkun ksur li għalih japplika dan l-artikolu jew ksur konness, tassumi l-funzjoni ta' qorti ta' ġudikatura kriminali u tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta dwar tali akkużi. Il-qorti għandha bl-istess mod tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta jekk tkun qorti ta' ġudikatura kriminali fl-istadju tal-ewwel istanza jew fl-istadju tal-appell minkejja kull sentenza li tkun ingħatat preċedentement fil-proċediment u li ma tkunx saret finali.

(6) F'dan l-artikolu:

"dan l-Att" jinkludi kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja maħruġa taħtu;

"ftehim" tfisser u tinkludi dokument li jixhed ftehim milħuq bejn il-Kummissarju u d-debitur skont dan l-artikolu u tinkludi wkoll dokument jew dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li tikkonferma li d-debitur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu rregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mal-Kummissarju u wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu ssodisfa r-rekwiżiti tiegħu billi aċċetta li jħallas il-penali addizzjonali;

"ksur" tinkludi kwalunkwe att jew atti li jikkostitwixxu reat kriminali;

"ksur konness" tfisser kwalunkwe att li jikkostitwixxi reat kriminali sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att u għandu jinkludi:

(i) ksur imwettaq, anke jekk fi żminijiet differenti, skont pjan miftiehem minn qabel sabiex jitwettaq ksur kontra dan l-Att;

(ii) ksur imwettaq bil-għan li jinkisbu l-mezzi għat-twettiq ta' ksur kontra dan l-Att;

(iii) ksur imwettaq bil-għan li jiffaċilita t-twettiq jew it-tlestija ta' ksur kontra dan l-Att, jew li jiżgura impunità għal tali ksur;

(iv) ksur li f'kuntest wieħed jikser aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi fejn mill-inqas dispożizzjoni waħda tkun relatata ma' ksur kontra dan l-Att;

(v) ksur imwettaq permezz tal-użu apparentament leġittimu tar-rikavat ta' ksur kontra dan l-Att:

Iżda ksur konness ma għandux jinkludi kwalunkwe att inkluż fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.".

TAQSIMA VI
EMENDI GĦALL-ATT TAL-2024 LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ

Emendi għall-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità. Att Nru VI tal-2024.

12. Din it-Taqsima temenda l-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem ", ħlief fil-każ ta' proċeduri kriminali mħollijin għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza," għandhom jiġu mħassra;

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza u fil-każijiet tal-aħħar dawk il-proċeduri għandhom jibqgħu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, jitqiesu li baqgħu fis-seħħ" għandhom jiġu mħassra.

Dispożizzjoni tranżitorja.

14. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandu jkollhom effett mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u ma għandhomx jaffettwaw il-validità ta' kwalunkwe ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir qabel l-imsemmi bidu fis-seħħ.

A 659

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 373 tal-4 ta' Awwissu, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati